DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2010

li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent li l-Estonja, il-Latvja u l-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi fi Spanja huma uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) u li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-Estonja hija uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi fir-rigward tal-merħliet tal-bovini

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7856)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/695/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u partikolarment l-Anness A(I)(4) u l-Anness A(II)(7) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż [2], u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/68/KEE tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tal-annimali ovini u kaprini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom għandhom jitqiesu li jkunu uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda [3], telenka fl-Annessi tagħha, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li huma meqjusa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) skont id-Direttiva 91/68/KEE.

(3) L-Estonja u l-Latvja ressqu quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjoijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE biex jitqiesu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) fit-territorju kollu tal-Istat Membru rispettiv.

(4) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-Estonja u l-Latvja, iż-żewġ Stati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ħielsa uffiċjalment minn dik il-marda. L-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Spanja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi mal-kundizzjonijiet xierqa stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE sabiex dak ir-reġjun fi Spanja jitqies bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi (*B. melitensis*).

(6) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Spanja, il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi għandha tiġi rikonoxxuta bħala ħielsa uffiċjalment minn dik il-marda. L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KE għandu, għalhekk, jiġi emendat skont dan.

(7) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ fl-Unjoni tal-annimali bovini u l-majjali. Din tistipula l-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mit-tuberkolosi u uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi fir-rigward tal-merħliet tal-bovini.

(8) L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, bruċellosi u lewkosi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini [4] telenka l-Istati Membri li huma ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi u l-bruċellosi rispettivament.

(9) L-Estonja ressqet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni li turi l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-istatus ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE għat-territorju sħiħ ta' dak l-Istat Membru.

(10) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-Estonja, dak l-Istat Membru għandu jiġi ddikjarat bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkolosi u uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi. L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(11) Id-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.
[3] ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14.
[4] ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huma emendati skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*)

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
NL	Il-Pajjiżi L-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja
UK	Ir-Renju Unit"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Jiddaħħal it-titolu li ġej:

"**Reġjuni ta' Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*)**"

(b) L-entrata għal Spanja tinbidel b'dan li ġej:

"Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi;

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji: Il-Provinċji ta' Santa Cruz de Tenerife u Las Palmas."

ANNESS II

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-Kapitolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"**KAPITOLU 1**

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
FR	Franza
LU	Il-Lussemburgu
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja"

(2) Fl-Anness II, il-Kapitolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"**KAPITOLU 1**

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
FR	Franza
LU	Il-Lussemburgu
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja"